# Aħbar Tajba

**It-Tielet Ħadd tal-Avvent** | Il-Ħadd 12 ta' Diċembru 2021

Sof 3, 14-18a
Is 12, 2-3.4bċd. 5-6
Fil 4, 4-7
Lq 3, 10-18



"Min għandu żewġ ilbiesi, jaqsam ma' min m'għandu xejn
**u min għandu x'jiekol jagħmel l-istess."**

Naħseb li x'uħud minnkom ilkom li bdejtu taħsbu liema rigali tixtiequ fil-Milied. Forsi hemm xi wħud li ġa rajtu lil xi ħadd jaħbi l-pakketti miksija f'xi gwardarobba, u bdejtu tgħidu bejnkom u bejn ruħkom x'seta kien hemm fil-pakkett. Hawn min għandu l-użanza li jarma ir-rigali taħt is-siġra biex iżid ftit l-aspettattiva. Min jaf x'kurżità jkun hemm meta tara tant kaxxi sbieħ iħarsu lejk!

Kunu sinċieri, qatt mortu inkiss inkiss u qbadtu l-kaxxi f'idejkom biex tippruvaw taqtgħu x'hemm ġewwa? Probabbilment mhux waħedkom tafux! Ir-rigali jafu jħallu dan l-effett fuqna. Mhux talli hekk, anzi, għad li taħt is-siġra jkun hemm ir-rigali ta' kulħadd, għajnejna mall-ewwel imorru fuq il-pakkett b'isimna fuqu. Il-pakketti l-oħra qajla nħarsu lejhom. Moħħna l-ħin kollu jdur mal-istess mistoqsija: "Min jaf x'fih il-pakkett tiegħi?!"

Din jiġri lil kulħadd. Quddiem il-festi, l-attivitajiet u r-rigali l-ewwel ħaġa li tiġi f'moħħna hi x'se naqilgħu u x'nixtiequ għalina. Iżda taħsbu li dan hu l-veru spirtu tal-Milied? Taħsbu, li l-ispirtu tal-Milied nsibuh fir-rigali, fit-tiżjin u f'dak li jogħġob lilna?

Għalkemm mal-ewwel daqqa t'għajn il-Vanġelu tal-lum ma tantx jidher marbut mal-Milied, (delete-imma) fih Ġwanni jurina x'inhu l-vera spirtu li dan iż-żmien għandu jnissel fina. In-nies kienet tmur għandu u tistaqsieh x'għandhom jagħmlu biex ikunu lesti għall-miġja tal-Messija. It-tweġiba ta' Ġwanni hi waħda sempliċi. "Min għandu żewġ ilbiesi, jaqsam ma' min m'għandu xejn u min għandu x'jiekol jagħmel l-istess." Fi ftit kliem ieqfu aħsbu fuqkom infuskom u ibdew aħsbu fl-oħrajn. Fil-Milied niċċelebraw propju l-miġja tal-Messija u allura dan il-kliem ta' Ġwanni jgħodd fuq li jgħodd. Issa f'idejna. X'se nagħmlu u kif nistgħu ngħinu lil dawk ta' madwarna?

F'dawn il-jiem ikun hawn ħafna għaqdiet li jiġbru għal persuni fil-bżonn. Ġemma' ftit mill-pocket money tiegħek biex tagħti l-kontribuzzjoni tiegħek. F'ħafna knejjes isir ukoll ġbir ta' ikel u ħwejjeġ oħra. Ara x'tista' toffri ħalli tgħin. Fuq kollox agħti kas ta' dawk ta' madwarek. Tinsiex, 'charity begins at home!' – mal-familja tiegħek, ma' sħabek u dawk li tiltaqa' magħhom kuljum. F'dawn il-jiem ipprova kun int ir-rigal għal dawk ta' madwarek.







## Is-Siġra tal-Milied

Is-siġra tal-Milied hi waħda mill-aktar drawwiet popolari tal-Milied. Iżda minn fejn bdiet din id-drawwa u xi tfisser? Is-siġar li jħaddru matul is-sena kollha ilhom jissimbolizzaw it-twelid mill-ġdid minn żminijiet imbiegħda. F'diversi kulturi dawn is-siġar fid-djar, kienu simbolu tal-ħajja.

L-ewwel persuna li użat siġra biex tiddekora għall-Milied, u allura l-ewwel siġra tal-Milied, kien dak li beda l-Komunitajiet Protestanti, Martin Luther. Skont kif jingħad, lejl wieħed ra siġra taż-żnuber li minn qalb il-friegħi tagħha kien jidher id-dawl tal-kwiekeb ileqqu. Tant kemm issaħħar b'din il-veduta, li ħa siġra miegħu id-dar u żejjinha b'xi xemgħat biex ikun jista' jaqsam dak li ra, ma' wliedu.



### Din il-Ġimgħa...

**Drawwa pjuttost popolari marbuta mas-siġra hi dik li fil-jiem ta' qabel il-Milied, il-familja tibda tħalli r-rigali taħt is-siġra. Imbagħad il-Milied filgħodu l-familja tingabar flimkien u tiftaħ ir-rigali kollha. Tajjeb li fil-jiem li fadal taħseb ftit f'xi rigal sabiħ li tista' tixtri lill-ġenituri (forsi ahjar tintuza familjari? Ghal sensittivta? Just asking) tieghek. M'hemmx għalfejn affarijiet li jiswew wisq flus. Il-fatt li ftakart fihom tfisser diġà ħafna. Importanti li naħsbu ftit f'xi ħaġa li tassew japprezzaw, xi ħaġa li tgħoġobhom. Jekk trid tista' tiftiehem ma' ħutek biex tixtru xi ħaġa flimkien.**


Aħbar **Tajba** hija inizjattiva tal-Media Centre flimkien mal-Fondazzjoni YOUTHEME u tiddependi mill-ħidma ta' diversi voluntiera u benefatturi. Għandna bżonn ukoll ta' ħafna talb biex din il-ħidma tħalli l-frott mixtieq. Min jixtieq jgħin, finanzjarjament, bit-talb jew b'xi ħidma oħra jista' jibagħtilna fuq

**info@sayitmalta.com**

Grazzi.






**Dan l-Avvent ejja magħna fi vjaġġ wara kewkba speċjali li se tlaqqagħna ma' sultan ġdid.**

**Kuljum se timxi pass ieħor fl-istorja li bidlet id-dinja.**

STORJA TAL-MILIED | KALENDARJU TAL-AVVENT | KTIEB TAT-TPINĠIJA

mediacentre

design • video production • animation • publishing • web

**GĦAŻEL PRODOTTI LI JIBDLU ĦAJJET IN-NIES GĦALL-AĦJAR!**

**GĦAŻEL IL-KUMMERĊ ĠUST**



**SAY IT!**
**ĦANUT TAL-KUMMERĊ ĠUST**
www.sayitmalta.com - info@sayitmalta.com
32 Tarxien Road Paola



AĦBAR **TAJBA** hija pubblikazzjoni tal-Media Centre flimkien ma' SayIt Publications u YouTheme Foundation.
Min jixtieq jagħti kontribuzzjoni finanzjarja jew jordna aktar kopji ta' dan il-fuljett jista' jibagħtilna *email* fuq *info@sayitmalta.com* jew iċempel fuq 2569 9100.
mediacentre YOUTHEME FOUNDATION